Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 364 / 2015

Il-Pulizija

vs

**Maria Pawla Grixti**

Illum, 16 ta' Mejju, 2019,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanta Maria Pawla Grixti, bint Raymond, imwielda Zabbar, fit-8 ta' Marzu, 1992, detentrici tal-karta tal-identita' numru 139492 (M), akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar id-09 ta' Settembru 2013, u qabel u wara din id-data, fil-Qrati ta' Malta u f' dawn il-gzejjer b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda:

1. Fi proceduri civili, geghlet li jsir, jew xjentement gabet, dokument falz.

2. U aktar talli ghamlet affidavit falz, kemm f' Malta kemm jekk barra minn Malta, waqt li kienet taf li dak l-affidavit kien mehtieg jew mahsub ghall-proceduri civili f' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f' kaz ta' kundanna, tapplika espressament il-piena ta' interdizzjoni generali.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-1 ta' Lulju, 2015 fejn il-Qorti fil-waqt li ma sabitx lill-imputata hatja tat-tieni imputazzjoni u lliberatha minnha, wara li rat l-artikolu 103 tal-Kapitolu 9, sabitha hatja ta' l-ewwel imputazzjoni u kkundannatha sena prigunerija li b' applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 gew sospizi ghal perjodu ta' tlett snin. In oltre u b' applikazzjoni ta' l-artikolu 109 ta' l-istess Kapitolu 9 ordnat fil-konfront ta' l-imputata l-interdizzjoni generali, kif ukoll l-interdizzjoni milli sservi bħala xhud, hlief quddiem il-qrati tal-gustizzja, u bhala perit, f' kull kaz li jkun u dan ghal perjodu ta' ghaxar snin u ghal dan il-ghan ordnat li, a karigu tar-Registratur ta' din il-Qorti, is-sentenza tigi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern.

Il-Qorti spjegat lill-imputata fi kliem ordinarju r-responsabilta taghha u x' jigri jekk tikkommetti reat iehor f' perjodu ta' tlett snin.

Rat ir-rikors tal-appellanti Maria Pawla Grixti minnha pprezentat fl-10 ta' Lulju, 2015 fejn talbet lil din il-Qorti joghgobha:

1) Tikkonferma l-liberatorja ta' dik il-parti tas-sentenzza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali moghtija minn Magistat Dr. Doreen Clarke LL.D. fejn ma sabitx lill-imputata hatja tat-tieni imputazzjoni u lliberata minnha;

2) Fl-assenza ta' artikolu specifikat, thassar s-sentenza fir-rigward tal-ewwel akkuza stante li hija monka u nulla u tilliberaha mill-ewwel kundanna, u dunque,

konsegwenza t' hekk, m' ghandhiex tbaghti interdizzjoni generali hekk kif impost fuqha;

3) Minghajr prejudizzju ghas-suespost, u dejjem jekk it-tieni talba ma tigix milqugha minn din l-Onorabbli Qorti, tvarja dik il-parti tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali moghtija minn Magistat Dr. Doreen Clarke LL.D. in kwantu sabitha hatja tal-ewwel akkuza kif dedotta kontriha u konsegwentament tigi imposta piena aktar ekwa u gusta ghal kaz odjern skont l-Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligiijet ta' Malta;

4) Minghajr prejudizzju ghat-tieni talba, u dejjem jekk it-tieni talba ma tigix milqugha minn din l-Onorabbli Qorti, tikkonferma li tali sentenza ta' prigunerija hekk redotta tkun sospiza skond l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligiijet ta' Malta hekk kif gia kienet applikata fl-Ewwel Qorti; izda bi tnaqqas tat-terminu ta' sospenzjoni minn tlett snin ghal perjodu aktar ekqu u gust f' kaz li jkun gie applikat l-Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligiijet ta' Malta sa biex tali sospenzjoni tirrifletti s-sentenza ta' prigunerija moghtija taht l-imsemmi Artikolu.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe' :-

jikkonsistu fil-piena li giet applikata mill-Qorti tal-Magistrati fl-applikazzjoni tal-Artikolu 103 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**L-Artikolu 103 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Piena Applikata**

Ir-rikorrenti appellanta nstabet hatja tal-ewwel imputazzjoni taht l-Artikolu 103 tal-Kodici Kirminali u l-Qorti sabitha hatja b' sentenza ta' sena prigunerija sospiza ghal perjodu ta' tlett snin. In oltre, b' applikazzjoni tal-Artikolu 109, ordnat fil-konfront tal-imputata l-interdizzjoni generali, u dan ghal perjodu ta' ghaxar snin; *(Sottolinear ghall-enfazi)*

ILLI jista' jinghad li l-piena applikata tista' tigi meqjusa maqsuma fi tnejn u cioe' dik ta' prigunerija sospiza u dik ta' interdizzjoni generali;

ILLI l-piena tal-interdizzjoni generali, kif ukoll l-interdizzjoni milli sservi bhala xhud, hlief quddiem il-qrati tal-gustizzja, u bhala perit, f' kull kaz li jista' jkun, u dan ghal perjodu ta' ghaxar snin, tohrog ben stabbilita mill-Artikolu 109(2) tal-Kap 9 <u>hekk kif hemm senjalat indikat fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati; u cioe:</u>

> *In oltre u <u>b' applikazzjoni ta' l-Artikolu 109</u> ta' l-istess Kapitolu 9 qed tordna fil-konfront ta' l-imputata l-interdizzjoni ġenerali, kif ukoll l-interdizzjoni milli sservi bħala xhud, ħlief quddiem il-qrati tal-ġustizzja, u bħala perit, f' kull każ li jkun u dan ghal perjodu ta' ghaxar snin... (Sottolinear ghall-enfazi)*

ILLI filwaqt li fil-piena tal-interdizzjoni generali l-Qorti tal-Magistrati specifikat ezattament taht liema artikolu l-interdizzjoni qieghda tigi moghtija, li gja gie spjegat, dan ma sehhx fil-piena tal-prigunerija, u cioe' minn liema Artikolu tal-Ligi Maltija tohrog il-piena ta' prigunerija ghal-kaz de quo; izda jissemma biss l-Artikolu li jippartjeni ghas-sospiza ta' tali prigunerija; u pultroppo, is-sentenza appellata tghid hekk:

> *Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li ma ssibx lill-imputata hatja tat-tieni imputazzjoni u tilliberaha minnha, wara li rat l-artikolu 103 tal-Kapitolu 9 <u>issibha hatja ta' l-ewwel imputazzjoni u tikkundannaha sena prigunerija</u> li b' applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal perjodu ta' tlett snin. (Sottolinear ghall-enfazi)*

ILLI minkejja l-fatt li l-Qorti tal-Magistrati ma provditx espressament l-Artiklu tal-Ligi taht liema hemm provdut l-piena ghal dak kontemplat fl-Artikolu 103 tal-Kodici Civili, ma hemm l-ebda bazi legali fuq liema Artikolu r-rikorrenti appellanta inghatat is-' *sena prigunerija'* , u dunque ma jidher xejn car taht liema Artikolu l-esponenti giet hekk ikkundanata;

ILLI jekk wiehed jaghmel analazi tal-Artikolu 103 tal-istess Kodici, hemm miktub illi *' Kull min, fi proċeduri ċivili jew kriminali, iġiegħel li jsir, jew xjentement iġib, dokument falz, jeħel l-istess piena bħall-awtur tad-dokument falz;' (Sottolinear ghall-enfazi)* u cioe' , wiehed irid ihares lejn l-Artikoli li jippartjenu d-dokumenti foloz hekk kif hemm rikjest mill-istess Artikolu, u liema Artikoli relevanti ghal dan l-iskop ma jaqawx precizament taht is-Sub-titolu III 'Fuq il-Kalunnja, Spergur u Gurament Falz fejn jinsab l-Artikolu 103 hekk diskuss;

ILLI ghal dak li qed jinghad, il-piena inflitta ta' *sena prigunerija* kienet wahda eccessiva meta l-Artikolu li qed jigi applikat mhux biss mhux qed jissemma' fis-sentenza, izda, t-terminu ta' sena habs ma jirreflettix l-Artikoli possibilment applikabbli ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 103, u cioe' l-piena ma tirriflettix l-Artikoli hekk kif hemm mitlub fl-istess Artikolu 103;

ILLI dunque, l-legislatur fl-Artikolu 103, qed jitlob lil Gudikant sabiex jordna ' l-istess piena bhall-awtur tad-dokument falz' , u ghaldaqstant, wiehed ghandu jhares lejn l-Artikoli li jippartjenu ghal dokumenti foloz;

ILLI b' analazi xierqa, b' rispett lejn l-Artikolu 103, kif ukoll attenzjoni lejn il-kaz in dezmina, l-Artikoli li wiehed minnhom seta' jigi applikat huma s-segwenti:

**a) L-Artikolu 187 tal-Kodici Kriminali**

> *(1) Kull min, b' wieħed mill-mezzi msemmijin fl-artikolu 179, jagħmel falsifikazzjoni fi skrittura privata li tkun tista' tagħmel ħsara lil xi persuna jew iġġib utli, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn seba' xhur sa tliet snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha. Min xjentement jagħmel użu minn skrittura privata falza. (2) Kull min xjentement jagħmel użu minnha, jeħel l-istess piena.*

ILLI l-Artikolu 187 tal-Kodici Kriminal ma tapplikax ghal kaz in dezamina peress li meta wiehed ihares lejn l-Artikolu 179, qed nitkellmu fuq *' falsifikazzjoni b' firem foloz,*

*jew b' tibdil f' atti, fi skritturi, jew f' firem, jew billi jdaħħal isem ta' persuna mhux vera, jew b' kitba magħmula jew imniżżla f' reġistri jew f' atti pubbliċi oħra, wara li jkunu ġa iffurmati jew magħluqa;'* u dunque dan l-Artikolu ma jsibx applikazzjoni fil-kaz odjern;

**b) L-Artikolu 188 tal-Kodici Kriminali**

> *(1) Kull min, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f' xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement jagħmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jagħti tagħrif falz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn jew multa: Iżda ebda ħaġa f' dan l-artikolu ma tolqot l-applikabbiltà ta' xi liġi oħra li tipprovdi għal piena ogħla. (2) Meta d-dokument imsemmi fis-subartikolu (1) ma jkunx wieħed intiż għal xi awtorità pubblika, il-piena għandha tkun dik ta' priġunerija li ma tkunx iżjed minn sena jew multa.*

ILLI ghandu jirrizulta li r-rikorrenti appellanta m' ghamlitx dikjarazzjoni jew stqarrija falza u dunque dan l-Artikolu ma' ghandux japplika fil-kaz in dezamina;

**c) L-Artikolu 189 tal-Kodici Kriminali**

> *Kull min jagħmel falsifikazzjoni oħra jew xjentement jagħmel użu minn xi dokument ieħor falsifikat, mhux imsemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu, jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur, u jekk ikun uffiċjal jew impjegat pubbliku b' abbuż tal-kariga jew impieg tiegħu, il-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sena.*

ILLI r-rikorrenti appellanta temmen illi l-ewwel, din l-Onorrabbli Qorti ghandha tikkonsidra n-nullita' tas-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti specifikatament ghall-kundanna li nghatat fil-konfront tar-rikorrenti appellanta dwar l-ewwel akkuza stante li l-artikolu a bazi ta' liem giet ikkundannata ma giex specifikat kif l-gurisprudenza nostrana ilha li stabbiliet bhala principju ewlieni fil-kamp penali, izda temmen ukoll li huwa l-Artikolu 189 tal-Kodici Kriminali li huwa l-aktar li jsib

applikazzjoni fil-kaz in dezamina, u dan minhabba l-kliem *' falsifikazzjoni ohra'* li jista' jigi interpretat sabiex japplikaw f' dan il-kaz; u dunque, il-piena massima hekk kontemplata fil-ligi hija *' ghal zmien mhux izjed minn sitt xhur...'* u zgur mhux il-piena ta' sena hekk kif kienet mghotija mill-Ewwel Qorti;

ILLI minkejja li l-piena ghandha tkun redotta minn sena ghal mhux izjed minn sitt xhur, hekk kif kontemplat fl-Artikolu 189 tal-Kodici Kriminali diskuss, it-terminu ghas-sospenzjoni tas-sentenza ghandha tkun ukoll redotta b' tali mezz li manifestament tirrifletti s-sentenza ta' prigunerija skont l-Artikolu 189;

ILLI minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk l-Artikolu 103 tal-Kap 9 jiddikjara li wiehed ghandu jeħel l-istess piena bħall-awtur tad-dokument falz, wiehed ghandu jsaqsi jekk l-Artikolu 109, hekk kif giet applikata mill-Ewwel Qorti, ghanda tapplika *mutatis mutandis* ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 103, meta l-Artikolu 103 qed jirreferi direttement u exklussivament ghal fatt li wiehed ' jehel l-istess piena bhall-awtur tad-dokument falz' . *(Sottolinear ghall-enfazi)*

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi in breve, il-fatti kienu s-segwenti:

1. Illi l-appellanta u Nathaniel Caruana kellhom relazzjoni u minn din ir-relazzjoni tiweldet tarbija bl-isem Faith;

2. Illi meta twieldet din it-tarbija, minhabba dizgwid l-appellanta iddeciediet li tirregistra t-tarbija u tiddikjara li missier it-tarbija '*mhux maghruf*';

3. Illi Nathaniel Cutajar intavola proceduri legali quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex jigi rikonoxxut bhala missier it-tarbija u jsiru l-korrezzjonijiet f'dan is-sens fuq ic-certifikat tat-twelid tal-minuri;

4. Illi fil-kors ta' dawk il-proceduri, giet nominata Dr Marisa Cassar bhala espert biex tikkonduci testijiet tad-DNA fuq Nathaniel Caruana u fuq il-minuri;

5. Jirrizulta lli l-appellanta hadet lil tarbija ta' habibtha ghand Dr Cassar minflokk it-tarbija taghha u l-appellanta kienet irrifjutat li jittiehed swab taghha u ghalhekk kien ittiehed biss tat-tarbija;

6. Meta sar l-ezami komparattiv, irrizulta li Nathaniel Caruana ma kienx missier it-tarbija li kienet ittiehdet ghand Dr. Cassar;

7. Fuq talba ta' Nathaniel Caruana, il-Qorti ordnat li l-appellanta taghti kampjun tad-DNA taghha hi ukoll sabiex ikun jista' jigi stabbilit li dik it-tarbija li ttiehdet ghand Dr Cassar kienet fil-fatt it-tarbija tal-appellanta;

8. Ghalhekk din id-darba ma marritx l-appellanta ghand Dr Cassar izda marret il-habiba tal-appellanta li hija omm it-tarbija li l-appellanta kienet hadet ghand Dr Cassar l-ewwel darba. Minhabba diskrepanza fil-firem u anke minhabba id-dehra ta' kif pprezentat ruhha l-habiba tal-appellanta li dehret differenti mill-appellanta, Dr Cassar indunat li ma kienitx l-istess mara li kienet marret ghandha l-ewwel darba;

9. Kien ghalhekk li Dr Cassar cemplet lill-appellanta biex terga tmur il-Clinic u staqsietha dwar id-diskrepanzi fil-firem u kien ghalhekk li l-appellanta kienet ammettiet b'dak li kienet ghamlet;

10. Il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) giet infurmata dwar dan. Eventwalment ittiehdu l-kampjuni tal-appellanta u bintha Faith u gie stabbilit li Nathaniel Caruana huwa l-missier.

Illi l-aggravju tal-appellanta jikkonsisti fil-piena li giet applikata mill-Qorti tal-Magistrati fl-applikazzjoni tal-artikolu 103 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-appellanta nstabet hatja tal-ewwel imputazzjoni taht l-Artikolu 103 tal-Kodici Kriminali u l-Qorti sabitha hatja b'sentenza ta' sena prigunerija sospiza ghal perjodu ta' tlett (3) snin. Il-Qorti ordnat fil-konfront tal-imputata l-interdizzjoni generali ghal perjodu ta' ghaxar (10) snin u dan kif stabbilit fl-artikolu 109 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-appellanta tissottometta li filwaqt li fil-piena tal-interdizzjoni generali l-Qorti tal-Magistrati specifikat ezattament taht liema artikolu l-interdizzjoni kienet qieghda tigi moghtija, dan ma sehhx fil-piena tal-prigunerija u cioe' minn liema artikolu tal-Ligi Maltija tohrog il-piena ta' prigunerija ghal kaz *de quo* izda jissemma biss l-Artikolu li jappartjeni ghas-sospensjoni ta' tali prigunerija. L-appellant jissottometti li l-Qorti ma provditx espressament l-Artiklu tal-ligi taht liema hemm provdut il-piena ghal dak kontemplat fl-artikolu 103 tal-Kodici Civili[1], ma hemm l-ebda bazi legali fuq liema artikolu l-appellanta inghatat is-sena prigunerija u dunque ma jidher xejn car taht liema artikolu l-appellanta giet hekk ikkundannata. Skont l-appellanta jekk wiehed jaghmel analazi tal-artikolu 103 tal-istess Kodici hemm miktub li '*Kull min, fi proċeduri ċivili jew kriminali, iġiegħel li jsir, jew xjentement iġib, dokument falz, jeħel l-istess piena bħall-awtur tad-dokument falz.*' Ghalhekk skont l-appellanta, wiehed irid ihares lejn l-artikoli li jappartjenu d-dokumenti foloz hekk kif hemm rikjest fl-istess artikolu u li l-artikoli relevanti ghal dan l-iskop ma jaqghux precizament taht is-Sub-titolu III 'Fuq il-Kalunnja, Spergur u Gurament Falz' fejn jinsab l-artikolu 103 hekk diskuss;

[1] Din il-Qorti qieghda tifhem li l-appellanta b'lapsus fl-appell taghha rreferiet ghal Kodici 'Civili' meta kienet qieghda tirreferi ghal Kodici Kriminali.

Skont l-appellanta, l-piena inflitta ta' sena prigunerija kienet wahda eccessiva meta l-artikolu li qed jigi applikat mhux biss mhux qed jissemma fis-sentenza izda t-terminu ta' sena habs ma jirriflettix l-artikoli possibilment applikabbli ghar-reat kontemplat fl-artikolu 103 u cioe' l-piena ma tirriflettix l-artikoli hekk kif hemm miktub fl-istess artikolu 103. Skont l-appellanta, l-legislatur qed jitlob lil gudikant sabiex jordna l-istess piena bhall-awtur tad-dokument falz u ghaldaqstant wiehed ghandu jhares lejn l-artikoli li jippartjenu ghal dokumenti foloz. Skont l-appellanta l-artikolu 187 u 188 tal-Kodici Kriminali ma japplikawx izda japplika l-artikolu 189 tal-Kodici Kriminali.

L-appellanta temmen li l-Qorti ghandha tikkonsidra n-nullita' tas-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti specifikament ghal kundanna li nghatat fil-konfront tal-appellanta dwar l-ewwel akkuza stante li l-artikolu a bazi ta' liema giet ikkundannata ma giex specifikat kif skont l-appellanta l-gurisprudenza nostrana ilha li stabbiliet bhala principju ewlieni fil-kamp penali, izda temmen ukoll li huwa l-Artikolu 189 tal-Kodici Kriminali li huwa l-aktar li jsib applikazzjoni fil-kaz in dezamina u dan minhabba l-kliem "*falsifikazzjoni ohra*" li jista' jigi interpretat sabiex japplikaw f'dan il-kaz u l-piena massima hekk kontemplata fil-ligi hija '*ghal zmien mhux izjed minn sitt xhur*' u zgur mhux il-piena ta' sena hekk kif kienet mghotija mill-Ewwel Qorti.

In oltre, l-appellanta tissottometti li l-piena ghandha tkun ridotta ghal mhux izjed minn sitt xhur u li t-terminu ghas-sospensjoni tas-sentenza ghandha tkun ukoll redotta b'tali mezz li manifestament tirrifletti s-sentenza ta' prigunerija skont l-artikolu 189. L-appellanta tistaqsi jekk l-artikolu 109 ghandux japplika *mutatis mutandis* ghar-reat kontemplat fl-artikolu 103 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta peress li l-artikolu 103 jirreferi direttament u esklussivament ghal fatt li wiehed '*jehel l-istess piena bhall-awtur tad-dokument falz*'.

Ikkunsidrat;

Illi din il-Qorti sejra tibda biex tikkunsidra l-ilment tal-appellanta rigward li l-Qorti ma semmietx l-artikolu li jikkontempla l-piena u dwar jekk dan iwassalx ghan-nullita' tas-sentenza appellata.

L-Ewwel Qorti fil-parti disposittiva tas-sentenza provdiet:

*'Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li ma ssibx lil-imputata hatja tat-tieni imputazzjoni u tilliberaha minnha, wara li rat l-artikolu 103 tal-Kapitolu 9 issibha hatja ta'l-ewwel imputazzjoni u tikkundannaha sena prigunerija li b'applkazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' tlett snin. In oltre u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 109 ta' l-istess Kapitolu 9 qed tordna fil-konfront ta' l-imputata l-interdizzjoni ġenerali, kif ukoll l-interdizzjoni milli sservi bħala xhud, ħlief quddiem il-qrati tal-ġusitzzja, u bħala perit, f'kull kaz li jkun u dan ghal perjodu ta' ghaxar snin u ghal dan il-ghan tordna li, a karigu tar-Registratur ta' din il-Qorti, is-sentenza tigi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern.*

*Il-Qorti spjegat lill-imputata fi kliem odinarju r-responsabilita taghha u x'jigri jekk tikkommetti reat iehor f'perjodu ta' tlett snin.'*

Ghalhekk mill-parti dispositiva jirrizulta li kienet qieghda tinstab htija tal-ewwel imputazzjoni taht l-artikolu 103 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Filwaqt li bhala piena ordnat sena prigunerija sospiza ghal tlett (3) snin kif ukoll *ai termini* tal-artikolu 109 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat l-interdizzjoni generali kif ukoll milli sservi bhala xhud ghajr ghal xhud f'Qrati tal-gustizzja, u kif ukoll bhala perit f'kull kaz.

Jirrizulta kjarament li l-Qorti ghalhekk ma ndikatx l-artikoli li abbazi tieghu kienet qieghda tordna l-piena karcerarja li giet sospiza *ai termini* tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Din il-Qorti sejra ghalhekk tikkunsidra jekk l-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jpoggix obbligu fuq il-Qorti li fis-sentenza ssemmi l-artikolu li jikkontempla l-piena tar-reat li tkun instabet htija. Dan l-artikolu jaqra:

*'Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-*<u>*fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati*</u>*, tagħti l-*<u>*piena*</u> *u ssemmi l-*<u>*artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat*</u>*.'*

Ghalhekk dan l-artikolu ghalkemm isemmi li ghandu jissemma l-artikolu li jikkontempla r-reat ma jipprovdix li l-artikolu li jikkontempla l-piena ghandu wkoll jitnizzel fis-sentenza. F'dan ir-rigward, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija (Spettur Joseph Agius) vs Victor Fenech</u>**'[2] fejn gie kkunsidrat li:

*' Qabel kull konsiderazzjoni ohra jokkkorri decizzjoni fuq il- punt sollevat ex officio minn din il-Qorti dwar il-possibbli nullita' tas-sentenza appellata stante li l-ewwel Qorti naqset milli tindika wiehed mill-artikoli tal-ligi li dwaru instabet htija, htiega din fuq piena ta' nullita' fit-termini tal-artikou 382 tal-Kodici Kriminali. L-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat appellant hija dik tal-attentat ta' serq kwalifikat. Is-sejbien ta' htija ghalhekk kien jitlob indikazzjoni tal-artikolu 41 tal-Kodici Kriminali u l-ewwel Qorti indikat l-artikolu 31 li huwa dwar it-tlugh u inzul mill-piena. L- Avukat Generali irrileva li l-ewwel Qorti setghet indikat l-artikolu 31 b'lapsus minflok dak numru 41*<u>***. Dan huwa plawsibbli ghaliex il- Qorti hi tenuta li ssemmi dawk l-artikoli li jikkostitwixxu r-reat u mhux mehtieg li jkunu indikati l-artikoli dwar il-piena.***</u> *L-artikolu 31, ghad illi kellu bilfors li jsir rikors ghalih mill-ewwel Qorti minhabba li l-artikolu 41 igib mieghu tnaqqis fil-piena minn grad sa zewg gradi, l-ewwel Qorti ma tat ebda spjegazzjoni kif wasslet ghal- piena minnha erogata u ghalhekk ir-referenza ghall-artikolu 31 ma setghetx kienet hlief zball dattilografiku meta fil-fatt riedet tindika l-artikolu 41. Ghalhekk tiddisponi minn dan l-incident billi tqis is-sentenza appellata bhala valida fil-ligi u naturalment fl-istess waqt tezalta adezjoni aktar preciza mar-rekwiziti tal-artikolu 382 tal- Kodici Kriminali;'* (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti)

[2] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Mejju, 2018 (Appell Nru. 468/2015)

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Benjamin Muscat'**[3]:

*'Din il-Qorti taqbel kemm ma' l-appellant kif ukoll ma' l-Avukat Generali li r-referenza ghall-Artikolu 321 tal-Kap. 10 bhala l-artikolu tal-ligi li a bazi tieghu l-appellant (allura imputat) kien qed jigi skwalifikat milli jkollu jew jottjeni licenzja dwar daqq ta' muzika ghal zmien sena, kienet zbaljata. Pero` tali referenza zbaljata ma ggibx in-nullita` tas-sentenza appellata. L-Artikolu 382 tal-Kap. 9 jirrikjedi li sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali jkun fiha, inter alia, l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat u mhux l- artikolu tal-ligi li jikkontempla l-piena.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Supt. Bertu Mula) vs Benjamin Muscat'**[4] gie kkunsidrat li:

*'Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenzi taghha kontra l-istess appellant odjern tat-28 ta' Gunju , 2002 , "tali riferenza zbaljata ma ggibx in-nullita' tas-sentenza appellata . L-art. 382 tal-Kap. 9 jirrikjedi li **Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali jkun fiha "inter alia" l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat u mhux l-artikolu tal-ligi LI JIKKONTEMPLA L-PIENA**.'*
(Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti)

Ghalhekk jirrizulta kjarament li sabiex jigi sodisfatt il-vot tal-ligi taht l-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma hemmx il-htiega li l-Qorti ssemmi l-artikoli li jikkontemplaw il-piena.

Ikkunsidrat;

[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Gunju, 2002 (Appell numru: 102/2002)
[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-10 ta' Lulju, 2002 (Appell numru: 105/2002)

Din il-Qorti sejra ghalhekk tikkunsidra l-imputazzjoni li l-appellanta taghha nstabet hatja u tal-artikoli indikati mill-Ewwel Qorti sabiex tqis jekk gewx indikati l-artikoli rigwardanti r-reat li l-appellanta instabet hatja tieghu, senjatament talli '*fi proceduri civili, gieghelt li jsir, jew xjentament gibt, dokument falz*.' Il-Qorti kkunsidrat li permezz ta' din l-imputazzjoni, l-appellanta giet addebietata bir-reat kontemplat fl-artikolu 103 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jaqra li:

'*Kull min, fi proċeduri ċivili jew kriminali, iġiegħel li jsir, jew xjentement iġib, dokument falz, jeħel l-istess piena bħall-awtur tad-dokument falz.*'

Fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spettur Daryl Borg) vs Leonard Ellul Bonici'**[5] il-Qorti, dwar l-artikolu 103 tal-Kodici Kriminali ikkunsidrat ukoll li:

'*Ghalhekk il-qofol ta' dan ir-reat huwa fli wiehed 'igieghel li jsir' jew 'xjentement igib'.*

*Il-Professur Mamo fin-Noti tieghu jghid li:*

*"With regards to the element 'wilfully made' which constitutes the intentional element of the crime, it is necessary that the person making the statement, should have the full consciousness of preventing the truth. If on account of ignorance, forgetfulness or other cause exclusive of malice, a statement has been made, which is objectively false, no criminal responsibility under this section is occurred."*

*L-artikolu 103 jitkellem fuq 'dokument'.*

**Kenny**, gurista Ingliz il-ktieb tieghu **Criminal Law** jaghti tifsira ta' dokument fejn jghid:

*"for the purpose of the law of forgery a document is a writing in any form or any material which communicates to some person or persons human statement, whether of fact or fiction."*

Manzini fid-**Diritto Penale** jghid:

*"documento e' ogni scrittura determinate, contendendo manifestazioni o dichiarazioni di*

[5] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-5 ta' Marzu, 2019

*volonta' ovvero attestazioni di verita', atto o fondare o a suffragare una pretesa giuridica o a provare un fatto giuridicamente rilevante in un rapport processuale o in altro rapport giuridico.".*'

Stante li l-artikolu 103 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jiprovdi li '*jeħel l-istess piena bħall-awtur tad-dokument falz*', l-appellanta tissottometti li *ai fini* ta' piena wiehed irid ihares lejn il-piena inflitta ghal awtur tad-dokument falz, u dan taht l-artikolu 187, 188 jew 189. L-appellanta tikkontendi li huwa l-artikolu 189 li huwa applikabbli. Dan l-artikolu jaqra:

'*Kull min jagħmel falsifikazzjoni oħra jew xjentement jagħmel użu minn xi dokument ieħor falsifikat, mhux imsemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu, jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur, u jekk ikun uffiċjal jew impjegat pubbliku b'abbuż tal-kariga jew impieg tiegħu, il-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sena.*'

Minn naha l-ohra l-artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

'*(1) Kull min, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement jagħmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jagħti tagħrif falz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta'priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn jew multa:*
*Iżda ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma tolqot l-applikabbiltà ta'xi liġi oħra li tipprovdi għal piena ogħla.*
*(2) Meta d-dokument imsemmi fis-subartikolu (1) ma jkunx wieħed intiż għal xi awtorità pubblika, il-piena għandha tkun dik ta' priġunerija li ma tkunx iżjed minn sena jew multa.*'

Skont l-Avukat Generali, japplika l-artikolu 188, filwaqt li l-appellanta tissottometti li dan l-artikolu ma japplikax peress li ma ghamlitx dikjarazzjoni jew stqarrija falza.

B'harsa lejn l-artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jirrizulta li dan l-artikolu japplika mhux biss ghal minn jaghmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza kif donnha qed tippretendi l-appelanti izda anke jekk jaghti taghrif falz. Issa l-fatt li l-appellanta

hadet tarbija ta' habibta minflokk it-tarbija taghha sabiex isiru t-testijiet tad-DNA bla dubju ta' xejn huwa taghrif falz. Ghalhekk din il-Qorti filwaqt li taqbel li l-appellanta kienet qieghda tinstab hatja taht l-artikolu 103 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu applikabbli *ai fini* ta' piena huwa l-artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Jirrizulta ampjament ippruvat li l-appellanta pruvat tiehu vantagg jew beneficcju permezz ta' dokument f'dan il-kaz certifikat ta' DNA li fl-ahhar mill-ahhar kien intiz ghal proceduri Civili u ghalhekk ghal Awtorita' pubblika meta hija geghlet li jsir dokument falz stante li t-test ma kienx sar fuq it-tarbija taghha izda fuq tarbija ohra. Ghalhekk jirrizuta li l-piena applikabbli kif stabbilit fl-artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta hija dik ta' prigunerija ta' mhux izjed minn sentejn jew multa.

Minkejja li l-Qorti semmiet l-artikolu 103 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-parti disposittiva izda mhux l-artikolu 188, dan ma jgibx in-nullita peress li r-reat li tieghu nstabet hatja huwa dak ikkontemplat fl-artikolu 103 filwaqt li l-piena hija dik li jikkontempla l-artikolu 188 ghalhekk kif gia ikkunsidrat, il-Qorti ma kienitx obbligata li ssemmi l-artikolu li jikkontempla l-piena.

Ghalhekk is-sentenza appellata mhijiex nulla kuntrarjament ghal dak li ssottomettiet l-appellanta fl-appell taghha. Din il-Qorti ghalhekk sejra tikkunsidra jekk il-piena inflitta mill-Ewwel Qorti kinitx ekwa u gusta fic-cirkostanzi jew kinitx wahda esagerata kif qieghda tikkontendi l-appellanta;

Ikkunsidrat;

Illi l-Ewwel Qorti ikkundannat lill-apppellanta ghal sena prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gew sospizi ghal perjodu ta' tlett (3) snin. In oltre, bl-applikazzjoni tal-artikolu 109 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat fil-konfront tal-appellanta l-interdizzjoni generali kif ukoll l-interdizzjoni milli sservi bhala xhud, hlief quddiem il-qrati tal-gustizzja u bhala perit f'kull kaz li jkun ghal perjodu ta' ghaxar (10) snin.

Skont l-artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-piena hija dik ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sentejn (2) jew multa. Filwaqt li f'kaz li d-dokument ma kienx intiz ghal awtorita' pubblika, il-piena ghandha tkun dik ta' prigunerija li ma tkunx izjed minn sena jew multa. F'dan il-kaz partikolari d-dokument ossia c-certifikat ta' paternita' kien intiz ghal Qorti li hija awtorita' pubblika. Ghalhekk jirrizulta li l-piena ta' sena prigunerija sospiza ghal tlett (3) snin kif ordnat mill-Ewwel Qorti hija wahda gusta u din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni ghala ghandha tvarja dan. Jirrizulta li l-appellanta kienet ikkoperat mal-Pulizija u ammettiet dak illi ghamlet fejn l-appellant tipprova tiggustifika dak li ghamlet billi tispjega li kemm missier it-tarbija u anke l-familjari tieghu kienu abbuzivi fil-konfrnt taghha u li riedet tiprotegi lit-tarbija taghha.

Din il-Qorti tishaq dwar il-gravita' tar-reat li kkommettiet l-appellanta u dwar l-agir deplorabbli taghha, tant li li kieku ma kinitx l-insistenza ta' missier it-tarbija sabiex jittiehed DNA test ta' omm it-tarbija u li kieku Dr Cassar ma ndunatx bl-irregolarita', dan setgha ifixkel serjament il-process gudizzjarju tal-kawza bejn l-appellanta u missier it-tarbija li setgha wassal li missier jigi mcahhad mid-drittijiet tieghu u tarbija tigi mcahhda mill-identita' taghha. Kif tajjeb ikkunsidrat l-Ewwel Qorti l-appellanta kellha tirrikorri ghal mezzi legali u gudizzjarji biex tipprotegiha u mhux taghmel dak li ghamlet.

Dwar l-ordni tal-interdizzjoni, l-appellanta tissottometti li jekk l-artikolu 103 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jiddikjara li wiehed ghandu jehel l-istess piena bhall-awtur tad-dokument falz, wiehed ghandu jsaqsi jekk l-Artikolu 109 kif applikata mill-Ewwel Qorti, ghandha tapplika *mutatis mutandis* ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 103 li jirreferi direttament u esklussivament ghal att li wiehed '*jeħel l-istess piena bħall-awtur tad-dokument falz.*' Filwaqt li huwa minnu li l-artikolu 103 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li l-piena hija dik bhal awtur tad-dokument falz, din il-Qorti taghmel referenza ghall-artikolu 109 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra:

'*(1) Il-qorti għandha, meta tikkundanna lill-ħati għad-delitti msemmija f'dan is-sub-titolu, tapplika espressament il-piena tal-interdizzjoni ġenerali, kif ukoll l-interdizzjoni milli l-ħati jservi bħala xhud, ħlief quddiem il-qrati tal-ġustizzja, u bħala perit, f'kull każ li jkun.*

*(2) Din l-interdizzjoni tkun għaż-żmien minn ħames snin sa għaxar snin fil-każijiet imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan, u għaż-żmien minn għaxar snin sa għoxrin sena f'kull każ ieħor imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu.*'

Il-legislatur f'dan l-artikolu uza l-kelma '*għandha*' li ghalhekk ifisser li l-ordni tal-interdizzjoni hija tassattiva kull meta l-Qrati isibu htija ta' reat taht dan is-sub-titolu intitolat '*Fuq il-Kalunnja, Sperġur u Ġurament Falz*'. Gialadarba l-artikolu 103 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqa' taht dan is-subartikolu, nonstante l-fatt li l-piena applikabbli kienet dik bhal ta' awtur ta' dokument falz, il-Qorti ma kellhiex ghazla ghajr li tordna l-interdizzjoni. Skont l-artikolu 109(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-interdizzjoni tkun ghal zmien hames (5) snin sa ghaxar (10) snin fil-kazijiet msemmija fl-artikolu ta' qabel dan u cioe' l-artikolu 108 filwaqt li f'kull kaz iehor fl-artikoli ta' dan is-sub-artikolu ghal zmien ghaxar (10) snin sa ghoxrin (20) sena. Ghalhekk jirrizulta li l-Ewwel Qorti ordnat il-minimu f'dak li jirrigwarda l-ordni ta' interdizzjoni.

Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qieghda tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Il-piena ta' prigunerija ghal zmien sena sospiza ghal tlett (3) snin jibda' ghaddej mil-lum filwaqt li t-terminu tal-ordni ta' interdizzjoni ghal ghaxar (10) snin ghandu jibda ukoll ghaddej mil-lum.

Ghal dan il-ghan, din il-Qorti tordna li a karigu tar-Registratur ta' din il-Qorti, is-sentenza tigi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern.

Il-Qorti spjegat lill appellanta fi kliem ordinarju r-responsabbilta' taghha u x'jigri jekk tikkommeti reat iehor f'perjodu ta' tlett (3) snin.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur